

Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9395/25

DEVGEN 76
FIN 557
COAFR 108
ACP 32
RELEX 655
NDICI 4
SAN 248
SUSTDEV 38

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Mejju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7403/25 + ADD 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 18/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula: Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Mejju 2025)

Id-delegazzjoni jsibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Appoġġ finanzjarju mill- UE għas- sistemi tas- saħħa f'pajjiżi sħab magħżula: Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà", kif approvati mill-Kunsill fl-4099 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar

**"Appoġġ finanzjarju mill- UE għas- sistemi tas- saħħa f'pajjiżi sħab magħżula:
Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta'
koordinazzjoni u sostenibbiltà"**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 18/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar appoġġ finanzjarju mill- UE għas- sistemi tas- saħħa f'pajjiżi sħab magħżula. Ir-rapport jivvaluta l-appoġġ finanzjarju tal-UE għas-saħħa fil-pajjiżi sħab fil-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020, li kull wieħed minnhom ammonta għal aktar minn EUR 3 biljun, u, fir-rigward tal-perjodu 2021-2027, li sal-bidu tal-2024 dan kien jammonta għal aktar minn EUR 2 biljun. Il-Kunsill jieħu nota sew tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport.
2. Il-Kunsill jibqa' impenjat għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija għas-Saħħa Globali, kif appoġġata wkoll mir-Rappreżentant Għoli, u jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu "Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel"¹. Dawn jappellaw għal ambizzjoni akbar, b'approċċ komprensiv fejn l-enfasi ma tibqax biss fuq li nsalvaw il-ħajja u li nnaqqsu t-tfaċċar u t-tixrid tal-mard iżda fejn l-enfasi tkun ukoll fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri, inkluż is-saħħa mentali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-istigma, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet, it-tfal u ż-żgħażaġħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni LGBTI, il-popli indiġeni u l-persuni u l-komunitajiet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u marġinalizzati, kif ukoll il-popolazzjonijiet migranti u spostati. Il-Kunsill tenna li saħħa globali teħtieġ multilateraliżmu effettiv u sħubijiet inklużivi bejn diversi partijiet ikkonċernati, li huma pilastru essenzjali tal-politika esterna tal-UE, integrali għat-tiħiħ tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Il-Kunsill jibqa' wkoll impenjat għas-Sħubija UE-UA dwar is-Saħħa Globali.

¹ ST 5908/24, 29 ta' Jannar 2024.

3. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti li għandha l-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-qasam tas-saħħa u l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib, fuq bażi ugwali, mal-pajjiżi sħab dwar it-tisħiħ tal-aċċess ekwu għall-prodotti u s-servizzi tas-saħħa, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa lejn kopertura tas-saħħa universali (UHC) u l-kontribut għall-prevenzjoni tal-pandemija u t-tħejjija u r-rispons għalihom. Is-saħħa globali hija wieħed mill-pilastri ewlenin tal-politika esterna tal-UE, inkluż il-Global Gateway u l-inizjattivi tat-Tim Ewropa dwar is-saħħa. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni li l-UE u l-Istati Membri għandhom biex javvanzaw is-saħħa globali flimkien mas-sħab abbażi tas-solidarjetà, l-umanità, l-ekwità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-iżgurar tal-koerenza strateġika tal-politiki u l-appoġġ finanzjarju tagħna mal-prijoritajiet u s-sistemi tal-pajjiżi sħab huwa ta' importanza kbira.
4. Il-Kunsill ifakkar li l-appoġġ li jingħata mill-UE għas-saħħa fil-pajjiżi sħab jikkontribwixxi għall-għan prinċipali tal-politika tal-iżvilupp tal-UE li jitnaqqas u, fl-aħħar mill-aħħar, jinqered il-faqar estrem. F'konformità mal-approċċ internazzjonali għas-saħħa, b'mod partikolari mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 3 tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE ttiprovdi finanzjament lis-sistemi tas-saħħa tal-pajjiżi sħab tagħha permezz ta' programmi bilaterali u reġjonali, inizjattivi tat-Tim Ewropa relatati mas-saħħa, organizzazzjonijiet sħab tan-NU bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u organizzazzjonijiet sħab multilaterali oħra bħall-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja, Gavi - l-Alleanza għall-Vaċċini u l-Fond għall-Pandemiji.
5. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-UE appoġġat interventi differenti tas-saħħa li kienu konformi mal-ħtiġijiet tal-pajjiżi u li l-appoġġ tal-UE kkontribwixxa għall-funzjonament tas-sistemi tas-saħħa tagħhom.
6. Il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti li l-allokazzjoni tal-finanzjament kienet milquta minn nuqqasijiet, li l-effikaċja tal-proġetti kienet imxekkla minn kwistjonijiet ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà, u li l-monitoraġġ ma pprovdiex stampa sħiħa tal-attivitajiet tal-Kummissjoni fis-settur tas-saħħa.
7. Il-Kunsill jieħu nota tal-portata ristretta tal-analiżi fil-fond tar-rapport speċjali fir-rigward tal-appoġġ mill-UE għas-saħħa fil-qasam ikkonċernat, li tkopri biss tliet pajjiżi – il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) u ż-Żimbabwe. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li r-rapport jiffoka fuq appoġġ globali u fil-livell tal-pajjiż iżda ma jkoprix inizjattivi reġjonali.

8. Ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri joffri osservazzjonijiet dwar l-appoġġ mill-UE għas-saħħa fil-pajjiżi sħab, kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal appoġġ futur, b'mod partikolari: tqabbil aħjar tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi u l-allokazzjoni tal-finanzjament għas-saħħa; jiġu stabbiliti kriterji ċari għall-finanzjament ta' inizjattivi tas-saħħa globali; tittejjeb l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni tat-tagħmir u tal-mediċini; tiġi analizzata r-raġonevolezza tal-kostijiet ta' ġestjoni; jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji; jiġi monitorjat b'mod komprensiv l-appoġġ tal-UE; tiġi promossa s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa; u tingħata aktar importanza lill-manutenzjoni tat-tagħmir.
9. Il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet komprensivi tal-Kummissjoni meħmuża mar-rapport speċjali u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat jew aċċettat parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu. Il-Kunsill jieħu nota tal-każijiet addizzjonali tal-aħjar prattiki deskritti mill-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għar-rapport speċjali.

Tqabbil aħjar tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi u l-allokazzjoni tal-finanzjament għas-saħħa

10. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejbiet tar-rapport tal-QEA li jenfasizzaw id-differenzi bejn il-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab u l-allokazzjoni ġeografika tal-għajnuna għas-saħħa mill-UE, u rakkomandazzjoni għal koordinazzjoni u ibbilanċjar mill-ġdid, jekk possibbli, tal-allokazzjoni tal-finanzjament bejn inizjattivi globali, inizjattivi reġjonali, u appoġġ bilaterali lill-pajjiżi. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħa il-kriterji għall-iżvilupp tal-klassifikazzjoni tal-pajjiżi u li tħares lejn kif tista' tinkorpora b'mod adegwat il-klassifikazzjoni fl-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fl-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE għas-saħħa. Il-Kunsill jisħaq li l-integrazzjoni tal-appoġġ globali, reġjonali u fil-livell tal-pajjiżi hija kruċjali għall-avvanz tal-kwistjonijiet tas-saħħa permezz tal-Istrateġija għas-Saħħa Globali u l-implimentazzjoni tal-proġetti Global Gateway relatati mas-saħħa.

Jiġu stabbiliti kriterji ċari għall-finanzjament ta' inizjattivi tas-saħħa globali u tittejjeb id-dokumentazzjoni tal-proċess ta' allokazżjoni

11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti kriterji ċari, speċifiċi u, fejn applikabbli, kwantifikabbli għall-finanzjament ta' inizjattivi tas-saħħa globali u t-titjib tad-dokumentazzjoni ta' dan il-proċess, kif sottolinjat fir-rapport speċjali tal-QEA. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-elementi kwalitattivi u kwantitattivi huma diġà kkunsidrati mill-Kummissjoni meta talloka finanzjament għal inizjattivi tas-saħħa globali, kif deskritt fit-tweġibiet tal-Kummissjoni, u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjeb il-proċess ta' dokumentazzjoni f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri tal-UE.

Tittejjeb l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni tat-tagħmir u tal-mediċini

12. Il-Kunsill jaqbel mas-sejba tal-QEA li l-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni ta' tagħmir u mediċini fil-pajjiżi sħab tista' tittejjeb aktar. Il-Kunsill jenfasizza l-approċċ ta' Tim Ewropa għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet relatati mas-saħħa, introdott b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u implimentat ukoll fir-rigward tal-oqsma ta' kooperazzjoni analizzati. Il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jindikaw finanzjament insuffiċjenti kemm mid-donaturi kif ukoll mill-gvernijiet li jwassal għal problemi ta' nuqqas ta' provvisti. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li taħdem ma' pajjiżi sħab biex tgħin fl-istabbiliment tal-istrateġiji tas-saħħa tagħhom u biex tkompli żżid il-kapaċità tagħhom għall-analiżi, l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-ħtiġijiet.

Tiġi analizzata r-raġonevolezza tal-kostijiet ta' ġestjoni

13. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tar-rapport speċjali tal-QEA li l-kostijiet tal-interventi fis-settur tas-saħħa intlaqtu minn struttura kaskata ta' implimentazzjoni u jenfasizza l-importanza li tissaħħa l-analiżi tar-raġonevolezza tal-kostijiet ta' ġestjoni bbaġitjati. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-adeżjoni mal-qafas regolatorju u l-limiti fuq il-kostijiet ta' ġestjoni speċifikati fih, iżda jemmen li l-gwida u l-istruzzjonijiet applikabbli jistgħu jittejjbu, u jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

Jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji bejn l-inizjattivi tas-saħħa globali appoġġati

14. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-koordinazzjoni bejn l-inizjattivi tas-saħħa globali biex tiġi żgurata l-effikaċja, b'implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda ta' Lusaka. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut pożittiv għas-sinerġiji u l-komplementarjetà tal-inizjattivi globali tat-Tim Ewropa relatati mas-saħħa, jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u jilqa' l-isforz imġedded tal-Kummissjoni biex tiżgura sinerġiji bejn l-inizjattivi tas-saħħa globali appoġġati. Il-Kunsill ihegħgeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE, flimkien mad-Delegazzjonijiet tal-UE, biex jaħdmu mal-Istati Membri biex itejbu l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE fost il-polazzjonijiet fil-mira fil-pajjiżi sħab.

Jiġu identifikati indikaturi biex l-appoġġ mill-UE għas-settur tas-saħħa jiġi mmonitorjat b'mod komprensiv

15. Il-Kunsill ifakkar fir-rakkomandazzjoni tar-rapport speċjali tal-QEA lill-Kummissjoni biex tidentifika indikaturi komprensivi għall-interventi tal-UE fis-settur tas-saħħa u biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-applikazzjoni ta' metodu proporzjonali għar-rapportar tar-riżultati tal-interventi tal-UE f'fondi b'diversi donaturi. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tallinja ruħha mal-indikaturi u l-oqfsa eżistenti f'konformità mal-Aġenda ta' Lusaka. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-isforzi għall-monitoraġġ u l-attribuzzjoni tar-riżultati jitwettqu f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab kollha u b'bilanċjati bir-reqqa mal-ħtieġa għal sjieda u kapaċitajiet disponibbli. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tivvaluta l-fattibbiltà tal-applikazzjoni ta' metodu proporzjonali għar-rapportar ta' riżultati bbażati fuq l-evidenza, mibnija b'mod konġunt, adatti u sensittivi għall-ġeneru tal-interventi tal-UE.

Tittieħed azzjoni biex tippromwovi s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa

16. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jitfasslu strateġiji ċari ta' tranżizzjoni u ta' ħruġ biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-progress lejn l-UHC u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-Aġenda ta' Lusaka f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jenfasizza li d-diskussjonijiet dwar is-sistemi tas-saħħa għandhom jinvolvu l-atturi rilevanti kollha, inkluż il-gvernijiet ta' pajjiżi sħab, u jinkoraġġixxu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, filwaqt li jirrikonoxxu d-diffikultajiet tal-ħidma f'ambjenti diffiċli. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni biex ittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u jħeġġeġ ir-razzjonalizzazzjoni tas-sostenibbiltà, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi u strateġiji ta' ħruġ adegwati fl-ippjanar u l-ipprogrammar tal-azzjonijiet tal-UE u l-inizjattivi tat-Tim Ewropa.

Tingħata aktar importanza lill-manutenzjoni tat-tagħmir imwassal mill-proġetti

17. Il-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tar-rapport speċjali tal-QEA biex jiġu inklużi aspetti ta' manutenzjoni fl-akkwist ta' tagħmir, u biex tittieħed azzjoni biex tgħin fl-istabbiliment ta' kultura u rutina ta' manutenzjoni fost il-partijiet ikkonċernati. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tmexxi 'l quddiem din ir-rakkomandazzjoni fid-djalogu tagħha mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u l-pajjiżi sħab, u fl-elaborazzjoni tat-termini ta' referenza għal offerti ġestiti direttament mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi tat-tibdil fl-imġiba u l-kultura fir-rigward tal-manutenzjoni tat-tagħmir, u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tqajjem kuxjenza u tintegra t-taħriġ ta' manutenzjoni fit-twassil tat-tagħmir.

18. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu f'waqtu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport speċjali. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza, tidentifika u, jekk meħtieġ, tindirizza sfidi sistemiċi possibbli, kull fejn l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti jistgħu jindikaw kwistjonijiet rikorrenti fl-implimentazzjoni tal-programm tal-Kummissjoni.